**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Jannar, 2018

Rikors numru : 406/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elf disa` mija u tmenin (1980) (kopja annessa u mmarkata Dok. A). Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sciberras Trigona fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (1999) (kopja annessa u mmarkata Dok. B).
>
> Illi l-partijiet kellhom zewgt itfal minn dan iz-zwieg, li t-tnejn huma maggorenni.

Illi m'hemmx kwistjonijiet pendenti rigward manteniment li ghad irid jithallas.

Illi ghaddew iktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jinkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a) Tiddikjara li z-zwieg taghha CB hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;
b) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, tavza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan ikun registrat fir-Regisitru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru, 2017;

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

L-intimat fuq domanda tal-Qorti wiegeb illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' April 1999;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.